

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8268 — Norinco/Delphi's Mechatronics Business)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2016/C 424/07)

1. Fid-9 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Northeast Industries Group Co. Ltd (iċ-Ċina) ikkontrollata minn China North Industries Group Corporation (iċ-Ċina) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll tan-negozju mekatroniku kollu kemm hu ta' Delphi Automotive PLC (ir-Renju Unit) permezz ta' xiri ta' ishma f'Delphi Packard España, S.L.U. (Spanja) kif ukoll bix-xiri ta' beni fil-Polonja, il-Messiku, iċ-Ċina u l-Brażil (minn hawn 'il quddiem in-negozju msejjaħ bħala n-“Negozju Mekatroniku ta' Delphi”).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- China North Industries Group Corporation hija konglomerat tad-difiża speċjalizzat fi prodotti, għalkemm għandha ċerti linji ta' negozju f'setturi differenti bħal żejt u gass, minerali, l-inġinerija ċivili, tal-vetturi bil-mutur, l-isplussivi u l-industriji tas-servizzi fotoelettrika, li tiffoka fuq is-swieq barra mill-Ewropa,
- In-Negozju Mekatroniku ta' Delphi hija unità tan-negozju li timmanifattura moduli u swiċċijiet mekatroniċi għall-industrija tal-karozzi b'beni li jinsabu fi Spanja, il-Polonja, il-Messiku, iċ-Ċina u l-Brażil.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8268 — Norinco/Delphi's Mechatronics Business, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.